# KIF TAF LI HEMM ALLA

"Ma", qal darba waħda Ninu ċ-ċkejken lil ommu, "inti sikwit tgħidli: Ħobb il-Bambin. Imma dal-Bambin ma turihuli qatt? Kieku narah, jien insir inħobbu iżjed."

"Sewwa qiegħed tgħid, ibni," wieġbet bil-ħlewwa omm Ninu, "iżda l-Bambin mhux għalkemm titlobni nurihulek. Li kont nista' nurihulek, kieku anqas hemm għalfejn titlobni. Imma l-Bambin ma nistgħux narawh b'għajnejna, kemm-il-darba ma jidhrilniex huwa, bħalma kien deher lil dak il-qaddis ċkejken ċkejken li jismu Stanislaw Kostqa u lill-qaddis tiegħek Sant'Antnin. Huwa deher ukoll, ibni, bħala bniedem li għêx fost il-bnedmin, meta tlaħħam għalina biex jifdina; iżda wara l-qawmien msebbaħ tiegħu, huwa tela' s-sema.

"Mela inti qatt ma rajtu, ma?"

"Le, ibni."

"Mela, kif taf li hemm il-Bambin?"

Għal din il-mistoqsija, is-sinjura Ċetta ħassitha ftit imregħxa, iżda għamlet kemm setgħet biex ma turix, u hekk bla ebda dewmien, daqs kieku xejn ma kien ġara, qabdet: Għax naf; biex inkun naf li hemm il-Bambin, mhemmx għalfejn inkun narah. Ara, ibni; bosta drabi inti tkun id-dar, mingħajr ma jiena nkun narak; imma jiena nkun naf ukoll li inti d-dar, għalkemm jiena ma narakx. Kif inkun naf? Għax inkun qiegħda nisma' leħnek meta tkun tgħajjat ma' oħtok jew ma' ħaddieħor. X'imdaqqiet l-anqas leħnek ma nisma', u madankollu naf li inti d-dar ukoll, għax nara l-beritta mdendla x'imkien jew għax nilmaħ xi tiċpisa fl-art li tkun għadek kemm għamilt waqt li kont qiegħed tilgħab; mhux hekk, qalbi?

"Ħiss", qabeż dlonk Ninu, bħalkieku kellu t-tweġiba lesta fuq ilsienu, li bilkemm sata' jżommha, " imma l-Bambin ma jilgħabx u l-anqas ma jgħajjat."

"Il-Bambin ma jilgħabx!? Il-Bambin jilgħab, u ngħid, ibni, imma mhux bħalek. Inti tilgħab bil-boċoċ, ibni, u l-Bambin jilgħab bid-dinja. Qatt rajtu jilgħab il-Bambin? Le, żgur li le, tweġibni inti. Imma jilgħab, ibni. Taf kif? billi jdawwarha fuq il-fus tagħha, biex ikollna l-lejl u n-nhar, u jgerbibha wkoll ma' dwar ix-xemx,biex ikollna x-xitwa, ir-rebbiegħa,is-sajf u l-ħarifa, jiġifieri l-erba' taqsimiet tas-sena. Issa, jekk ma jdawwarhiex jew ma jgerbibhiex il-Bambin,min tridu jdawwarha u jgerbibha? Ħu r-rota ta' karettun, ibni; din ma ddurx weħidha; mhux hekk? imma jdawwarha xi ħadd, xi flien li jiġbed il-karettun. Hekk ukoll id-dinja, ma ddurx weħidha, imma jdawwarha xi ħadd li huwa mimli bil-qawwa. Dan ix-xiħadd huwa Alla, jew il-Bambin. Mela mid-dinja, ibni, aħna niġu nafu li hemm Alla bħalma mill-

ħoss tal-boċoċ li inti tagħmel meta tilgħab, jiena naf li inti hemm fil-bitħa."

Ninu, dan il-ħin kollu, kien qiegħed iħares ċass lejn ommu. Hekk kif dina waqfet, huwa daħħal malajr din il-mistoqsija: "Mela kemm jiflaħ il-Bambin, ma?"

"Xi darba ngħidlek" issuktat Ċetta bl-istess ton ta' qabel," imma għal-lum ħa ngħidlek ħaġ'oħra, li għandha x'taqsam iżjed ma' dan li qegħdin ingħidu trid?

"Iwa, irrid, ma".

"Inti leħen il-Bambin qatt smajtu? U le, tweġibni inti. U bans li iwa, ingħidlek jiena. Inti smajtu, bħalma ġie li smajtu jiena wkoll; imma inti ma kontx taf li huwa leħnu, għax leħen il-Bambin mhux bħal tagħna, għalkemm huwa jista' jekk irid, jitkellem bħalna, bħalma kien tkellem meta kien fid-dinja. Mela leħen il-Bambin smajtu, narġa' ngħidlek. Taf meta? Ħa ngħidlek. Meta għamilt dak id-dnub, li minnħabba fih ma stajtx torqod u ħassejt xi ħaġa ġo' fik tgħidlek: mur itlob maħfra lil ommok, għax waġġajtha. Min kien li qiegħed ikellmek hekk, ġo' fik? Dak kien il-Bambin. U nbagħad il-għada inti qerrejt dak id-dnub u għidtli li ħassejt ħaġ'oħra ġo' fik li qaltlek: Sewwa, sewwa; issa ara li ma tarġax. Dak kien il-Bambin ukoll. Mela l-Bambin kellmek u taf li kellmek, għad li ma għaraftx il-leħen tiegħu u ma rajtux. Mela, wara kollox, il-Bambin hemm, bħalma hawn jiena li qiegħda nitkellem miegħek; mhux hekk?

"Issa ħa nagħmillek mistoqsija ċkejkna. Jekk taqtagħha, ingħid li inti tassew bravu, u nbagħad ingħidlek ukoll storja sabiħa, sabiħa. Mela oqgħod attent. X'inhija dik il-ħaġa, dak il-ħass li bih il-Bambin għarrfek li kont inqast lejn ommok u lejh, u li bih inbagħad għarrfek ukoll li għamilt sewwa meta qarrejt id-dnub tiegħek?"

"Għarifa," qabeż igħajjat bil-ferħ Ninu, qabel ma Kunċett laħqet temmet l-aħħar kelma.

Kunċett tbissmet ħelu ħelu, ħarset ħarsa madwarha, għafset bejn subajha ħaddejn binha, u besithom. "Inti għaref aktar minni," qalet hija minn taħt ilsienha. Aħna nsejħulha kuxienza, imma *għarîfa* hija aħjar, hija aħjar, jew tajba daqsa. Minn fejn ġibtha din il-kelma, għażża ta' qalbi? minn għarraf, hux! għax tgħarrafna t-tajjeb u l-ħażin. Iwa, issa ħa ngħidlek ħaġ'oħra ċkejkna, ċkejkna qabel ma nibda l-istorja. Din il-*għarifa* tagħna, li kullħadd għandu waħda bħalha, mhux biss tgħarrafna meta nagħmlu l-ħażin u s-sewwa, imma tgħarrafna wkoll li hemm wieħed fuq il-ħlejjaq kollha li huwa Alla. Ara, immela, kif nafu li hemm Alla. Issa ħa ngħidlek l-istorja.

"Darba waħda kien hemm astronmu kbir, li kien jismu Adolf Kircher. Kien raġel sewwa ħafna, jemmen b'Alla u jħobbu qatigħ. Huwa kellu ħabib bla dîn, jiġifieri li ma jemmen b'xejn, l-anqas b'Alla, x'waħdadin! Darba fost l-oħrajn dana

l-iblaħ mar jagħmel żjara lil ħabibu Adolf. Meta daħal għandu, Adolfu għamel ta' bir-ruħu li ma rahx u baqa' jaqra. Għalhekk l-ieħor qabad idur mal-kamra, jitkixxef u jifli l-ħwejjeġ sbieħ li kienu fiha; fost dawn il-ħwejjeġ kien hemm globu tad-dinja li kien magħmul b'sengħa l-aktar kbira. Huwa ħares lejh u raġa' ħares, mill-bgħid u mill-qrib, u tgħaxxaq bih; inbagħad mirbuħ mill-kurżità, dar fuq l-astronmu u qallu: "Adolf, min għamlu dan il-globu, kemm hu sabiħ?" "Ħadd" wieġeb Adolf, mingħajr ma ċċaqlaq. "Ħadd!" stagħġeb l-ieħor, "kif ħadd? mela għandek qalb tiċċajta?" "Le, dak ma għamlu ħadd, għax sar waħdu." Għal dan il-kliem, imlissen b'nofs daħka, il-ħabib ħabat jitfantas. Għalhekk l-astronmu żied igħid malajr: Għax qiegħed titfantas? Għax qiegħed taraha bi kbira li globu bħal dak sar waħdu, minnu n-nifsu? inti tgħid u tgħallem li d-dinja li ngħixu fiha, li min jaf kemm-il-darba hija akbar minn dak il-globu, hija saret weħidha, minnha nfisha u leq minn Alla, u issa ma tridx temmen li dak il-globu sar waħdu!" Għal dan il-kliem ta' għaqal, il-ħabib bledin intebaħ bil-ħmerijiet li kien żamm qabel, u minn dak inhar sar jemmen li hemm Alla, fuq kollox, li ħalaq is-sema, id-dinja u kullma jinsab fihom."

K. F.